**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 293/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Ignazio Mifsud**

**Illum 19 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Ignazio Mifsud, iben Joseph u Lourdes neè Vella, imwieled il-Pietà fid-29 ta' Lulju 1963 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 401063(M), talli nhar l-1 ta' Ġunju 2022, fil-ħinijiet ta' bejn is-7:00p.m. u it-8:00p.m., ġewwa Qormi:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħuh Saviour Mifsud f'periklu ċar, volontarjament b'arma regulari kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ħuh Saviour Mifsud, hekk kif iċċertifika Dr. Jeffrey Bonnici, Med. Reg. No. 3214;

2. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ħuh Saviour Mifsud jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Ignazio Mifsud a benefiċċju ta' ħuh Saviour Mifsud u l-familjari tiegħu u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, tipprovdi għall-persuna ta' Saviour Mifsud jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika torbot lil Ignazio Mifsud b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 382A *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħosss xieraq, u, jew torbot lil Ignazio Mifsud b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq; (iii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Ignazio Mifsud għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "EH1" sa' Dok. "EH9" a fol. 4 sa' 25 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Saviour Mifsud, maħruġ permezz ta' Digriet datat 3 ta' Ġunju 2022[2];

Semgħet ix-xhieda ta' PS 1458 Malcolm Fenech mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022[3] u x-xhieda ta' Saviour Mifsud mogħtija waqt is-seduti tat-8 ta' Ġunju 2022[4] u ta' l-14 ta' Frar 2023[5], semgħet ix-xhieda ta' Joseph Mifsud[6] u ta' Lourdes Mifsud[7] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Maria Micallef[8] u ta' Dr. Jeffrey Bonnici[9] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 u x-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022[10] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 76 sa' 92 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduti ta' l-10 ta' Awwissu 2022[11] u ta' l-14 ta' Frar 2023[12] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "EMX1" sa' Dok. "EMX3" a fol. 96 sa' 101 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 7 ta' Settembru 2022[13], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1), 217, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022[14], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 26 tal-proċess.
[2] Fol. 27 tal-proċess.
[3] Fol. 38 sa' 41 tal-proċess.
[4] Fol. 42 sa' 52 tal-proċess.
[5] Fol. 107 sa' 116 tal-proċess.
[6] Fol. 53 tal-proċess.
[7] Fol. 54 tal-proċess.
[8] Fol. 69 u 70 tal-proċess.
[9] Fol. 71 u 72 tal-proċess.
[10] Fol. 74 u 75 tal-proċess.
[11] Fol. 93 sa' 95 tal-proċess.
[12] Fol. 117 u 118 tal-proċess.
[13] Fol. 103 tal-proċess.
[14] Fol. 104 tal-proċess.

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-1 ta' Ġunju 2022, fil-ħinijiet ta' bejn is-7:00p.m. u it-8:00p.m., ġewwa Qormi: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħuh Saviour Mifsud f'periklu ċar, volontarjament b'arma regulari kkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ħuh Saviour Mifsud, hekk kif iċċertifika Dr. Jeffrey Bonnici, Med. Reg. No. 3214; (2) Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil ħuh Saviour Mifsud jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 7 ta' Settembru 2022[15], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1), 217, 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**Saviour Mifsud**[16], il-vittma f'dawn il-proċeduri, xehed illi fl-1 ta' Ġunju 2022 huwa kien qiegħed id-dar ta' ommu u missieru f'Nru.147, Triq Pinto, Qormi, fejn kien hemm ukoll l-imputat. Stqarr li dakinhar *l-ewwel jien inżilt u dħalt ġol-kċina u ħadt ftit ilma għax kienet is-sħana u jiena u ħiereġ il-barra weħilna* (ossia hu u l-imputat) *ġol-bieb* [tal-kċina], *però la kellimni u lanqas kellimtu. … Imbagħad lil missieri għedtlu "Pa, immorru l-għalqa ħa nagħflu?" u qalli "Iva, immorru" u tlaqna.* Mifsud stqarr ulterjorment li għall-ħabta tas-7:30p.m., hu u missieru rritornaw lura d-dar u *dħalt ġewwa jiġifieri u jien għamilt il-platt ta' l-ikel fil-bitħa. … Imbagħad erġajt dħalt għall-ilma jien. Qbadt flixkun, niżżiltu minn ġewwa* [il-fridge], *ħriġtu barra, ferrajtu, imlejt it-tazza u peress li l-flixkun kien kbir taż-żewġ litri, qfiltu u qbadtu hekk minn fuq jien u għall-mument żelaqli u kien imbiegħed kemm minn hawn u hemm* (madwar metru u nofs). … *Jiġifieri l-flixkun waqali u hu* (ossia l-imputat) *kien qiegħed jiekol hemm f'rokna. … X'ħin issabbat il-flixkun, jien iċċassajt qisni u ħarist hekk lejn il-flixkun u qalli* (l-imputat) *"Biex qed tħares?" U jien għidtlu "Isma, jien lilek ma kellimtekx". Għal sekondi imbagħad, noħroġ il-barra. … Minn ġol-kċina u ħriġt ġol-bitħa jien. Ħriġt ġol-bitħa u kif ħriġt fil-bitħa, ħareġ bis-sikkina u tani 3 daqqiet ta' sikkina. … Ġie minn quddiemi. … rajtu ġej bis-sikkina jien u f'idu l-leminija kienet. … Naf li kienet sikkina kbira, ma kinitx żgħira, la kbira u lanqas żgħira. … Sikkina għall-ponta kienet. Qabad itini mill-ewwel. Ħareġ itini left, right and centre u ma beda jqis xejn. … Dak il-ħin imbagħad ħriġt il-barra jien u mort il-clinic waħdi. Sibtha magħluq u nżilt l-Għassa. … L-Għassa ġibdu ritratti u ġibdu kollox u għamlu kollox, għamlu dmirhom u ġiet l-ambulanza.* Mill-Għassa Saviour Mifsud spiċċa l-Isptar u dam rikoverat hemm sal-Ġimgħa. Mifsud kellu appuntament ieħor l-Isptar sabiex isirlu X-Ray tal-pulmun.

Mistoqsi kellux argumenti oħra ma' l-imputat, Saviour Mifsud wieġeb *kellna argument ieħor. … Sena ilu. … Hu kellu pony minn dawn tas-Shetland u għidtlu biex ineħħihuli kemm-il darba. … Ġera warajja bil-mus.* Dwar dan l-inċident kien sar rapport, li però

[15] Fol. 103 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022, fol. 42 sa' 52 tal-proċess.

kien għamlu l-imputat stess. In kontro-eżami Saviour Mifsud iddikjara li hu u l-imputat miksurin u ma jitkellmux. Huwa xehed *ilna ħafna ma nitkellmu. … Meta niltaqgħu filgħaxija fl-istess post inkunu. Hu jkun ġol-kċina u jien inkun fil-bitħa*. Mistoqsi jekk meta fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri waqalu l-flixkun, lill-imputat qallux "Int bniedem falz", Saviour Mifsud wieġeb *għax lili qalli "Qed tmur titlob" u jien għditlu "Mela le, qed immur nitlob. Inti ma titlobx?" … Jien fuqi tkellimt. Jien għedtlu "Mela jiena falz biex ma mmurx nitlob?"*. Mifsud ċaħad li huwa għajjar lill-imputat, anzi saħaq li kien l-imputat li għajjar lilu. Stqarr illi *le, xejn. Jien lanqas biss missejt miegħu u l-ewwelnett kien b'żaqqu barra dakinhar u ma kienx bil-flokk*. Għall-mistoqsija *jiġifieri inti waqalek il-flixkun u dan qabad jgħajrek u ġera warajk. Ma ġara xejn iktar u m'għidlu xejn iktar?* Saviour Mifsud wieġeb *le, xejn*.

Meta reġa' xehed in kontro-eżami waqt is-seduta ta' l-14 ta' Frar 2023[17], Saviour Mifsud ikkonferma li dakinhar ta' l-1 ta' Ġunju 2023, huwa kien qiegħed fil-bitħa qed jiekol filwaqt li l-imputat kien qed jiekol fil-kċina. Ikkonferma wkoll li f'ħin minnhom hu daħal iġib l-ilma u li l-flixkun ta' l-ilma waqa' fuq il-mejda fejn kien hemm l-imputat. Insista li huwa ma telaqx il-flixkun għal fuq il-mejda imma żelaqlu u nstabat fuq il-mejda u li dak il-ħin baqa' jiċċassa lejn il-flixkun u l-imputat qallu *biex qed tħares?* u hu rrispondih *Jiena lilek ma rridx inkellmek*. Ikkonferma però li lill-imputat kellmu b'ċertu rabja, għalkemm imbagħad fl-istess nifs jgħid li ma kienx irrabjat. Għall-mistoqsija *tista' jekk jogħġbok tispjegali dawn l-affarijiet mela? L-ewwelnett, meta inti tajt il-verżjoni tiegħek meta ġew il-Pulizija jkellmuk l-ewwel darba, a fol. 14, inti għidt hekk "Għall-ħabta tas-sebgħa, waqt li kont qiegħed ġewwa fl-imsemmija residenza, daħal fil-kċina waqt li hu beda jiekol. Saviour żied jgħid illi fetaħ flixkun tal-ilma sabiex iferra minnu u kif kien se jagħmel it-tapp lura mal-flixkun żelaqlu l-flixkun". Inti qed tgħid hawn illi dak il-ħin, b'rabja, ħuk qam għalik u allegatament tak daqqa ta' sikkina li kien qed jiekol biha. Skond l-ewwel verżjoni tiegħek Sur Mifsud, qed tapprezza illi dawn id-daqqiet ta' sikkina ma ġewx fil-bitħa imma ġew fil-kċina,* Saviour Mifsud wieġeb *le, fil-bitħa. … Le fil-bitħa. Ħareġ jiġri minn ġol-kċina u tani 4 daqqiet bis-sikkina*. Mistoqsi jekk fil-ħin li waqa' l-flixkun meta l-imputat qallu "lejn xiex qed tħares" u hu rrispondih, qabdux (lill-imputat) minn għonqu, Mifsud wieġeb *le, mhux veru, jiena lanqas biss missejtu*. Ċaħad li għamel feriti lill-imputat u saħaq li *jiena ma missejtux żgur lilu u naħliflek b'għoxrin ġurament*. Rinfaċċat b'dak li il-ġenituri tiegħu qalu lill-Pulizija dwar l-inċident in kwistjoni, u cioè li *fil-bidu kien Saviour illi qabad lil Ignazio minn sidru*, Saviour Mifsud wieġeb li dan mhux minnu, *jiena ma qbadtu xejn u lanqas missejtu*. Mistoqsi wkoll *l-aħħar waħda spjegali lili biss. Tista' tispjegali jekk inti kont fil-bitħa, imbagħad ħriġt il-barra biex tmur il-poliklinika waħdek kif għedtilna, kif it-taqtir tad-demm jibda minn ħdejn il-mejda sa' l-antiporta ta' barra?* Saviour Mifsud wieġeb *ma jistax ikun għax jien ma dħaltx ġewwa. Jiena mill-bitħa l-barra, fl-intrata, minn hemm beda ħiereġ id-demm. … Jiena ma dħaltx fil-kċina, jiena ġol-bitħa kont dejjem*. Meta Mifsud baqa' jinsisti li dak riskontrat mill-Pulizija mhux minnu, għall-mistoqsija *mela d-demm żbaljat, ommok u missierek żbaljati u naturalment Ignazio huwa żbaljat ukoll, hux hekk?* Huwa wieġeb *iva, hekk hu. X'ħin tani bis-sikkina, jiena ħriġt niġri l-barra*. Mistoqsi ulterjorment *PS1458 qed jgħidilna, fit-tieni paragrafu a fol. 14, illi hekk kif mar fuq il-post tar-reat, innota ammont ta' taqtir ta' dmija tul il-kuritur li jagħti minn ġewwa l-kċina sal-bieb ta' barra. Kif hemm id-demm tiegħek fil-kċina jekk inti qed tgħid illi ġie għalik fil-bitħa biex jagħtik id-daqqa ta' sikkina?* Saviour Mifsud baqa' jinsisti li *fil-bitħa tani u jiena diga xhedt illi fil-bitħa*. Mistoqsi ulterjorment illi *hawn għidtilna tal-bitħa għaliex meta kellmuk l-ewwel darba, il-kċina semmejt*, huwa wieġeb

[17] Fol. 107 sa' 117 tal-proċess.

*min jien? Le, mhux vera.* Rinfaċċjat, *u iva għadni kif qrajtha jien,* baqa' jinsisti li *le, mhux vera.*

Dwar il-ġrieħi li ġarrab Saviour Mifsud, xehed **Dr. Jeffrey Bonnici**[18] illi ddikjara li Mifsud *kellu żewġ ġrieħi, żewġ incised wounds biex niftehmu fuq il-parti tax-xellug tan-naħa ta' isfel tac-chest fuq in-naħa laterali. Bażikament, it-tnejn li huma ġew meħjuta l-emerġenza, kellu wkoll laċerazzjoni f'idejh tan-naħa tax-xelluġ bejn is-subgħa l-kbir u l-index finger fejn dak ukoll ġie meħjut l-emerġenza. Itteħidlu CT scan, fejn wera li kellu puncture fil-pulmun, kellu l-arja madwar il-pulmun biex niftehmu u kellu wkoll daqsxejn ftit tad-demm fil-pulmun tan-naħa ta' fejn kellu l-ġerħa biex niftehmu jiġifieri fuq in-naħa tax-xellug. Jien għamiltlu chest drain fuq in-naħa tax-xellug fuq in-naħa fejn kellu dan il-pneumothorax u minħabba f'hekk għamiltu gravi.* Dr. Bonnici kkonferma li ċ-ċertifikat mediku esebit bħala Dok. "EH5" a fol. 20 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat li huwa ħareġ relattivament għall-ġrieħi li kellu Saviour Mifsud.

F'dawn il-proċeduri ġie nominat bħala Espert Mediku t-Tabib **Dr. Mario Scerri**[19] illi wara li eżamina lil Saviour Mifsud, ikkonkluda s-segwenti: *Illi Saviour Mifsud allega ma' l-esponent illi nhar l-1 ta' Ġunju 2022 waqt li kien fir-residenza tal-ġenituri tiegħu fi Triq Pinto Ħal-Qormi, dan safa aggredit minn ħuh Nazju Mifsud, l-imputat, b'sikkina; Illi riżultat ta' dan, dan kellu jittieħed l-Isptar Mater Dei fejn instab illi kellu perforazzjoni tal-kavita toraċika riżultat ta' stab wounds magħmulin minn strument li jaqta' u bil-ponta; Illi peress li dan ġarrab pneumothorax fuq in-naħa tax-xellug kellu jiġi introdott intercoastal drain; Illi dan inżamm l-isptar tlett ijiem; Illi perforazzjoni tal-kavita toraċika bi strument li jaqta' u bil-ponta hija leżjoni ta' natura gravi; Illi ċ-ċikkatriċi deskritta fuq l-aspett dorsali tal-pala ta' l-id ix-xellugija kienet riżultat t' inċiżjoni magħmula minn strument li jaqta' u din tibqa bħala marka permanenti fuq il-pala ta' l-id ix-xellugija iżda mhux daqshekk konspikwa from within talking distance; Illi din il-leżjoni kienet defensive injury.*

**PS 1458 Malcolm Fenech**[20], illi kien duty dakinhar li Saviour Mifsud mar l-Għassa ta' Ħal-Qormi biex jirrapporta dak li kien għadu kemm ġara, xehed illi *nhar l-1 ta' Ġunju tas-sena 2022, waqt li kont night watch duty ġewwa l-Għassa ta' Ħal-Qormi, għall-ħabta tat-08:00p.m. ġie Saviour Mifsud fejn deher illi kellu xi ġrieħi f'ġenbu kif ukoll f'idu u beda jitlef ammont kbir ta' demm. Ovvajment, infurmajna ambulanza minnufih u sakemm ġiet l-ambulanza huwa beda jgħidilna li qala' daqqa ta' sikkina mingħand ħuh Ignazio li joqgħodu fl-istess residenza u cioè 147, Triq Pinto, Ħal-Qormi. Kif ġiet l-ambulanza u ħaditu fuq il-post, jien flimkien ma' kollegi tiegħi morna fir-residenza fejn sibna lill-omm u lill-missier Ignazio u Saviour li kienu qegħdhin barra r-residenza jistennewna. Aħna morna u dħalna ġewwa, ħallejna n-nies barra u morna ġewwa biex nikkonfermaw jekk Ignazio għadux hemmhekk jew le, li rriżulta fin-negattiv. Jien ħallejt Pulizija barra fixed point sakemm ġew tas-SOCO, sadanittant ilħaqt ċempilt lil Ignazio u weġibni fuq il-mobile u qalli li qiegħed ġewwa Ħal-Qormi, mort hemmhekk u ltqajt miegħu hekkhekk fejn kif rajtu infurmajtu li kien qiegħed taħt arrest, tajtu d-drittijiet tiegħu kif ukoll l-ittra tad-drittijiet u hu qalli li femhom dawn id-drittijiet. Minnufih ħadnieh ġewwa l-lock up tal-Pulizija, qabel ma ħadnieh il-lock up, barra l-karozza saret search fuqu biex naraw jekk għandux xi arma fuqu li rriżultat fin-*

[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 71 u 72 tal-proċess.
[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022, fol. 74 tal-proċess, u Relazzjoni markata Dok. "MS" a fol. 76 sa' 92 tal-proċess.
[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ġunju 2022, fol. 38 sa' 41 tal-proċess.

*negattiv u ħadnieh fil-lock up. Kif wasalna l-lock up u saret serach min-naħa tal-lock up, indunaw li kellu xi ġrieħi f'għonqu, grif jiġifieri, fejn minn hemm ħadnieh fil-klinika tal-Furjana u ġie iċċertifikat illi għandu ġrieħi ħfief. Min-naħa tiegħi erġajna ħadnieh lura l-lock up u tħalla hemmhekk taħt arrest.*

PS 1458 Malcolm Fenech stqarr ulterjorment illi dakinhar ta' l-akkadut huwa kellem kemm lil Saviour kif ukoll lill-imputat u entrambe qalulu li għandhom każijiet bejniethom u li mhux l-ewwel darba li ġew fl-idejn. Stqarr ukoll illi *skond Saviour qalli li joqgħod hemmhekk* (ossia fejn seħħ il-każ) *ma' ħuh flimkien mal-ġenituri tiegħu u kif dħalt fir-residenza … innutajt li kien hemm xi dmija ma' l-art imma ma nnutajt l-ebda sikkina jew mus bid-dmija jew hekk, u jien ma missejtx il-post biex ma nikkontaminax ix-xena.* Huwa kkonferma li r-rapport tal-Pulizija esebit bħala Dok. "EH4" a fol. 16 sa' 19 tal-proċess, huwa r-rapport li ħejja huwa stess dwar dan il-każ, liema rapport essenzjalment jikkonferma dak li xehed l-imsemmi Surġent.

Fir-rigward tal-ġrieħi riskontrati fuq l-imputat, **Dr. Maria Micallef**[21], it-Tabib li eżaminatu, stqarret illi *kellu ħmura żgħira fuq in-naħa ta' wara ta' widnejh tal-lemin u n-natura ta' dawn il-ġrieħi kienu ħfief.* Hija kkonfermat li ċ-ċertifikat mediku esebit bħala Dok. "EH6" a fol. 21 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat mediku maħurġa minn relattivament għall-imputat.

L-**Ispettur Eman Hayman**[22] xehed illi *fl-1 ta' Ġunju kont ġejt infurmat rigward inċident illi kien seħħ ġewwa Ħal-Qormi. Dan l-inċident kien jinvolvi argument bejn Ignazio Mifsud, li qed nagħraf hawnhekk in awla, kif ukoll ħuh Saviour Mifsud. Bażikament kont ġejt infurmat ukoll illi wieħed mill-vittmi kien safa' midrub b'daqqa' ta' sikkina fil-ħin illi proprju Ignazio kien qiegħed jiekol ġewwa d-dar fejn jabita ma' ommu u ma' missieru. Bħala investigazzjoni ma kienx hemm xi investigazzjoni ikkumplikata. Min-naħa ta' Ignazio kien mar hu għand il-Pulizija, kien ġie immedjatament arrestat, miżmum il-lock up u proprju kienet ittieħdet stqarrija. … Ignazio waqt li kien qiegħed arrestat, kien ingħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' l-għażla tiegħu u min-naħa tiegħu, f'dak il-ħin, ma riedx li jikkonsulta ma' avukat u dik qiegħda a fol. 22 u proprju hawnhekk ittieħdet stqarrija. Fl-istqarrija … Ignazio kien leali fir-risposti tiegħu fis-sens li kien qalilna illi hu kien ta d-daqqa ta' sikkina lil ħuh. Ovvjament ridna naraw id-dinamika għaliex ġara li ġara. Ignazio kien spjega illi kien qiegħed jiekol, jiġifieri ma kien qed idejjaq lil ħadd. Kien hemm flixkun ta' l-ilma li kien quddiemu, kien daħal ħuh u mill-fliexken kollha li hemm ġod-dar kien qabad dak il-flixkun u dik ma kinitx il-problema ta' Ignazio ma' ħuh imma l-problema kienet illi wara li għamel użu minn dan il-flixkun, kien ħabbat il-flixkun quddiemu. Tajjeb li ngħidu li kemm Ignazio u kemm Saviour huma miksurin u proprju Ignazio, li kien qed jagħmel, kien qed jiekol u jevita milli proprju jkellmu. Dan qegħdin nitkellmu sekondi u kien hawn illi Saviour kien qallu "Għaliex qed tħares lejja?", ovvjament Ignazio kien qed iħares lejħ għaliex sabbat dan il-flixkun u qam argument antik rigward il-kelma 'falz'. Waqt li kien għaddej dan l-argument, l-imsemmi Saviour kien qabad lil Ignazio mill-flokk u kien żammu, dan qed jagħti d-deskrizzjoni Ignazio, kien qed iżommu fil-post sabiex ma jiċċaqlaqx u kien proprju ma' din iz-zamma li qed iżommu f'postu li b'mod istantanju, Ignazio kien irrakkonta illi tah id-daqqa tas-sikkina biex jerħi proprju dik il-qabda illi kien għamel Saviour fuq persuntu. Ovvajament, aħna rajna jekk kienx hemm rapport preċedenti u proprju rapporti ta' argumenti ta' portata ħafna*

---

[21] Fol. 69 u 70 tal-proċess.

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Awwissu 2022, fol. 93 sa' 95 tal-proċess.

*iżgħar, kien hemm li fuq l-insulti u t-theddid u fir-rigward ta' Saviour fuq insulti u theddid kif ukoll fuq ġerħa li kienet saret way back on the 27th June 2021. Dan l-inċident kien seħħ din is-sena fl-1 ta' Ġunju tas-sena 2022, jiġifieri kien għadda ammont ta' żmien.*

L-Ispettur Hayman ikkonferma, fost dokumenti oħra, ir-rapport dwar il-każ imħejji mid-Domestic Violence Unit, Dok. "EH3" a fol. 11 sa' 15 tal-proċess, l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, Dok. "EH8" a fol. 23 u 24 tal-proċess, u esebixxa wkoll żewġ charge sheets u rapport tal-Pulizija datat 28 ta' Ġunju 2021, ilkoll dwar l-inċident li xehed dwaru li seħħ fis-27 ta' Ġunju 2021, Dok. "EMX1" sa' Dok. "EMX3" a fol. 96 sa' 101 tal-proċess.

Fir-rapport tal-Pulizija bin-Numru GHQ/GBDV/718/2022, esebit bħala Dok. "EH3" a fol. 11 sa' 15 tal-proċess, hemm dettaljati r-rapport li sar dakinhar ta' l-akkadut, ossia dakinhar ta' l-1 ta' Ġunju 2022, kif ukoll il-verżjonijiet tal-persuni involuti, inklużi ta' omm u missier l-imputat u Saviour Mifsud, illi fil-kors ta' dawn il-proċeduri għażlu li ma jixhdux. Fl-imsemmi rapport jingħad illi *llum 01/06/2022 għall-ħabta tat-20:30hrs PS 1458 minn ġewwa l-Għassa ta' Ħal-Qormi nforma lill-Pulizija tal-GBDV Unit li ġewwa r-residenza nru. 147, Triq Pinto, Qormi, kien għadu kemm seħħ argument bejn żewġt aħwa u li fiha wieħed miż-żewġ aħwa, cioè l-vittma allegatament kien safa' midrub permezz ta' sikkina fejn konsegwentament il-vittma, ċertu Saviour Mifsud, I.D. No. 485470M, kien ittieħed permezz ta' ambulanza minn ġewwa l-Għassa ta' Ħal-Qormi peress li l-vittma kien mar jirrapporta l-akkadut, għal ġewwa l-Isptar Mater Dei għal aktar kura. Min-naħa tiegħu PS 1458 żied jgħid li ġewwa l-Għassa kien hemm mdaqqas ta' dmija kaġun tal-ġrieħi li ġarrab il-vittma. Min-naħa tieħu PS 1458 hekk kif wasal fuq il-post tar-reat innota ammont ta' taqtir ta' dmija tul il-kuritur li jagħti minn ġewwa l-kċina sal-bieb ta' barra tar-residenza kif ukoll fuq l-għatba ta' l-istess bieb. Min-naħa tiegħu stqarr li fil-post ta' fejn seħħet l-aggressjoni cioè fil-kċina ta' l-imsemmija residenza ma nstabu l-ebda traċċi ta' demm. PS 1458 żied jgħid li rriżulta li mal-wasla tal-Pulizija tad-distrett huma sabu l-aggressur kien laħaq ħarab minn fuq il-post tar-reat permezz tal-mutur tiegħu. Huwa ġie nfurmat sabiex jippreserva l-post ta' fejn seħħ ir-reat kif ukoll wara li ġie infurmat l-Ispettur Hayman. PS 1458 ġie nfurmat ukoll sabiex jinfurmaw il-Pulizija min-naħa tal-iskwadra tas-Soco sabiex jirrappurtaw fuq il-post ħalli jiġu meħuda ritratti minn fuq ix-xena tar-reat rigward iktar investigazzjonijiet fejn min-naħa tas-Soco rrapporta fuq il-post PS1111. Min-naħa tagħha l-Pulizija mill-iskwadra tal-GBDV Unit marru ġewwa l-Isptar Mater Dei sabiex jiġi mitkellem il-vittma fejn min-naħa tiegħu Saviour stqarr li dakinhar stess għall-ħabta tas-19:00hrs waqt li kien qiegħed ġewwa l-imsemmija hawn fuq residenza huwa daħal fil-kċina waqt li ħuh beda jiekol. Saviour żied jgħid li fetaħ flixkun ta' l-ilma sabiex iferra minnu u kif kien ser jagħmel it-tapp lura mal-flixkun żelaqlu l-flixkun. Dak il-ħin b'rabja qam għalih ħuh Ignazio Mifsud u allegatament b'sikkina li kien qiegħed jiekol biha ħebb għalih. Minn hemm telaq minn fuq il-post fejn mar lejn iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal-Qormi però sabha magħluqa u minn hemm niżel lejn l-Għassa ta' Ħal-Qormi. Waqt li kien qiegħed jiġi medikat il-vittma, seta' jiġi nnutat li fuq ġenbejh, fuq in-naħa tax-xellug kellu żewġ ġerħiet li skond Dr. Jeffrey Bonnici, Med. Reg. No. 3214 ta' l-Isptar Mater Dei, u li ċċertifikah li l-vittma ġarrab ġrieħi gravi kienu kompatibbli ma' aggressjoni li seħħet b'sikkina jew oġġett simili. Saviour allega wkoll li madwar erba' xhur ilu Ignazio kien ġera warajh b'sikkina kif ukoll spiċċa juża xi tip ta' sikkina. Il-ħwejjeġ tal-vittma ġew elevati mill-Isptar u jiġu mgħoddija lill-Ispettur Eman Hayman. Ġew mitkellma wkoll il-ġenituri ta' l-aħwa ċerti Giuseppe Mifsud I.D. No. 169436M u Maria Lourdes Mifsud I.D. No. 648741M fejn min-naħa tagħhom ikkolaboraw fl-istess verżjoni fejn stqarrew li dak il-ħin li huma kienu qegħdin preżenti*

*fil-kċina. Dak il-ħin Ignazio kien diġa kiel u Saviour kien mar sabiex jiekol. Dak il-ħin Saviour mar sabiex jiekol u ħareġ il-flixkun ta' l-ilma minn ġewwa l-fridge u żelaqlu l-flixkun. Dak il-ħin Ignazio saqsih għalfejn beda jħares lejh u Saviour qallu li ma ried xejn minnu u kien hemm li ġew fl-idejn. Il-ġenituri stqarrew li fil-bidu kien Saviour li qabad lil Ignazio minn sidru. Mistoqsija jekk kienu raw lil binhom Ignazio iħebb għal Saviour b'sikkina, huma stqarrew li ma rawx lil Ignazio jħebb għal Saviour b'sikkina f'dawk il-mumenti però kienu ċerti li kien qiegħed jagħmel użu minn mus li jiekol bih. Minn tfittxijiet li saru ma nstabu l-ebda armi li jagħtu b'xi marki tad-demm li setgħu kienu il-kawża tal-ġrieħi li ġarrab Saviour. Wara li PS 1458 irnexxielu jagħmel kuntatt mal-persuna relatata fuq in-numru tal-mowbajl tiegħu, Ignazio ġie arrestat ġewwa Ħal Qormi stess fid-21:30hrs u minn hemm fuq ordni ta' l-Ispettur Eman Hayman ittieħed ġewwa l-lock up fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija ġewwa l-Furjana sabiex jinżamm arretat b'rabta ma' iktar investigazzjonijiet marbutin mar-reat. Huwa ittieħed ukoll ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana fejn ġie medikat minn Dr. Maria Micallef Med. Reg. 4750 rigward ġrieħi ħfief li allegatament Ignazio ġarrab waqt l-argument, liema ċertifikat ser jiġi mgħoddi lill-Ispettur Eman Hayman.*

Fl-istqarrija tiegħu, esebita bħala Dok. "EH8" a fol. 23 u 24 tal-proċess, l-imputat stqarr li *jien kont qed niekol, kont kważi qed nispiċċa l-ikel, kien hemm missieri ma' ġembi, daħal Salvu qabad flixkun ilma li kien quddiemi, ferra minnu ġo mug, għalqu u bla prudenza sabtu quddiemi u din mhix l-ewwel darba li kienet u lill-missieri kont ili ngħidlu b'dan jiġifieri b'dak li kien qed jagħmel, u beda jħares lejja dritt f'għajnejja u beda jgħidli b'rabja 'x'ġara, x'ġara', qomt minn bilqiegħda u għedtlu 'jien lilek kellimtek?' U qam f'nofsna missieri u ommi tgħajjat ukoll u Salvu beda jgħidli 'falz' lili, jien ma nafx x'ried jgħid biha għax jien ilni aktar minn sena ma nkellmu, jien miksur minn miegħu u kien hawn li qabad huwa fuq din tal-'falz' u f'daqqa waħda ħatafni mill-flokk li kelli u kif kelli s-sikkina tajtielu u qed nindika n-naħa tax-xellug, mingħalija u qed nindika l-ġenb taż-żaqq u ħriġtha minn ġo ġenbu, jien bqajt fl-istess post, Salvu ħareġ il-barra, ommi u missieri bdew jippanikjaw. Salvur telaq lejn il-clinic ta' Ħal-Qormi stess, viċin tagħna u ommi telqet miegħu. Jien ħriġt mid-dar, mort il-garaxx startjajt il-mutur, x'ħin ħiereġ mill-kantuniera ġie hu u beda jgħajjarni u jien ma ridtx nikkalkulah aktar u tlaqt 'l hemm, tlaqt għand l-għarusa għax fil-fatt ċempluli u ħriġt u ġabruni minn hemm.* F'din l-istess stqarrija l-imputat stqarr ulterjorment illi *l-qabda kienet waħda b'saħħitha u għamilha biex iżommni fil-post. .. Fliexken oħra kien hemm, ma kelli l-ebda problema li ħa dak il-flixkun ma' quddiemi, seta' xorbu kollu għax ma kontx ngħid xejn imma dik li sabtu quddiem wiċċi, hekk, dik ma flaħtiex u biex tgħaxxaqha hu baqa' għaddej biha u beda jgħidli x'ġara, x'ġara. ... għandi grif fuq wiċċi li proprja għamilhom, wara għonqi, f'dak li ħin meta ġie u ħatafni minn sidri, mill-flokk.* Dwar is-sikkina li ta biha lil ħuh, l-imputat stqarr li huwa poġġiha fuq il-bank tal-kċina u telaq il-barra. Dwar it-tip ta' sikkina huwa stqarr li din kienet sikkina tal-ħobż, li indikaha bħala sikkina twila, bil-manku iswed. Din tintuża minn kulħadd biex jaqtgħu l-ħobż u bħala ma hemmx ħafna. L-imputat stqarr ukoll *mhux ilbieraħ ta, ilu, ilu, ma għandux liċenzja u kien se jtajjarni, dak għamiltlu rapport jien, nixtieq lli ssibuli r-rapport. Kelli rapport ieħor, kien hemm hija l-kbir għax kien qiegħed f'nofsna u mnalla kien hemm hu għax kieku laqattha dakinhar. Lili anke jitfili r-radju għall-ebda raġuni u kont ċempilt. Dan anke fil-kamra tiegħu, bit-television mixgħul jgħajjat, jien taħseb li se nmur nitifjulu.* Dwar l-atteġġjament ta' Saviour Mifsud fil-konfront tiegħu, l-imputat stqarr *mhux il-ħin kollu imma meta jfettillu hu, jara ma' min se jaqbad u jibqa' sakemm jaqbad ma' xi ħadd. Anke lil missieri qallu li se jsabtu ma' l-art.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u d-difiżi sollevati minnu:**

Il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' kif seħħ il-każ in eżami: Saviour Mifsud jgħid li meta kien fil-kċina qed iferra xi ilma, il-flixkun żelaqlu minn idu u niżel b'tisbita fuq il-mejda fejn kien qed jiekol l-imputat u dan beda qallu xi kliem, u kif hu, ossia Saviour, mingħajr ma qallu jew għamillu xejn, ħareġ fil-bitħa, ġie l-imputat u tah daqqiet ta' sikkina. L-imputat min-naħa l-oħra jgħid li Saviour Mifsud sabbat il-flixkun ta' ilma fuq il-medja tal-kċina fejn hu kien qed jiekol, u kif ħares (l-imputat) lejh, dan (Saviour Mifsud) b'rabja qallu "x'ġara, x'ġara" u minn hemm qam argument bejniethom, fejn Saviour ħatfu mill-flokk u qabdu qabda b'saħħitha u dak il-ħin hu (ossia l-imputat) qabad is-sikkina li kien qed jiekol biha u lil Saviour taħ daqqiet biha.

B'hekk filwaqt li hemm qbil, tant li l-imputat dan ammettieh fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija, li l-imputat ta daqqiet ta' sikkina lil Saviour, ma hemmx qbil dwar id-dinamika eżatta ta' l-inċident u fejn seħħ l-istess inċident. Saviour jikkontendi li din kienet aggressjoni unilaterali da parte ta' l-imputat li ġrat fil-bitħa tar-residenza 147, Triq Pinto, Qormi, filwaqt li l-imputat jikkontendi li qam argument bejnu u bejn ħuh ġewwa il-kċina ta' l-imsemmi fond, fejn Saviour qabdu mill-flokk u hu rreaġixxa billi tah bis-sikkina.

Il-Qorti fliet il-provi kollha prodotti bir-reqqa hu hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi prodotti, hija iktar verosimili u tirrispekkja dak li verament ġara l-verżjoni mogħtija mill-imputat, milli l-verżjoni mogħtija minn Saviour Mifsud.

Jibda biex jingħad li filwaqt li Saviour Mifsud jallega li l-aggressjoni seħħet fil-bitħa tar-residenza 147, Triq Pinto, Ħal-Qormi u addirittura ċaħad li l-inċident seħħ fil-kċina, mir-rapport tal-Pulizija bin-Numru GHQ/GBDV/718/2022, esebit bħala Dok. "EH3" a fol. 11 sa' 15 tal-proċess, jirriżulta li kien hemm *ammont ta' taqtir ta' dmija tul il-kuritur li jagħti minn ġewwa l-kċina sal-bieb ta' barra tar-residenza kif ukoll fuq l-għatba ta' l-istess bieb* u addirittura l-istess Saviour Mifsud stqarr mal-Pulizija li l-inċident seħħ fil-kċina. Anke omm u missier l-imputat u Saviour Mifsud stqarrew mal-Pulizija li l-inċident seħħ fil-kċina.

Għalkemm Saviour Mifsud jikkontendi li din kienet aggressjoni unilaterali da parte ta' l-imputat filwaqt li hu ma qallu u ma għamillu xejn, minn dak li stqarru ommu u missieru mal-Pulizija, tirriżulta koroborata l-verżjoni ta' l-imputat u cioè li wara t-tisbita tal-flixkun ta' ilma fuq il-mejda tal-kċina, qam argument bejn Saviour Mifsud u l-imputat u kien Saviour Mifsud li beda l-ewwel il-kuntatt fiżiku billi lill-imputat qabdu mill-flokk. Il-fatt li kien hemm kolluttazzjoni bejn Saviour Mifsud u l-imputat jirriżulta ukoll mill-fatt li l-imputat kellu xi ġrieħi, ossia ħmura żgħira fuq in-naħa ta' wara tal-widna tal-lemin, hekk kif ravviżat u ċċertifikat minn Dr. Maria Micallef li kienet invistat lill-istess imputat fl-1 ta' Ġunju 2022.

Fil-fehma tal-Qorti dak mistqarr mill-partijiet konċernati lill-Pulizija *a tempo vergine* ma għandux jiġi skartat, anzi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ għandu jixhet dawl fuq min qed jgħid il-verità dwar id-dinamika eżatta ta' l-inċident. Jiġi osservat li l-Prosekuzzjoni stess donnha iktar temmen il-verżjoni mogħtija mill-imputat milli l-verżjoni mogħtija minn Saviour Mifsud u dana hekk kif ħareġ ferm ċar waqt it-trattazzjoni finali fejn, il-Prosekuzzjoni appuntu ssottomettiet bla tlaqliq ta' xejn li bejn l-imputat u Saviour Mifsud inqala' argument u li dan l-argument inqala' u seħħ fil-kċina. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet ulterjorment illi l-imputat kien qed jiekol, li Saviour Mifsud ma huwiex persuna faċli, li bejn l-imputat u Saviour Mifsud kien hemm argument antik li reġa'

tqajjem mill-istess Saviour Mifsud, li Saviour Mifsud żamm lill-imputat u l-imputat ta' daqqa ta' sikkina.

Stabbilit li l-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri mogħtija mill-imputat hija l-verżjoni l-iktar verosimili u b'hekk kredibbli, stabbilit ukoll li l-imputat effettivament ta daqqa ta' sikkina lil Saviour Mifsud u stabbilit mir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, li l-ġrieħi sofferti minn Saviour Mifsud huma ta' natura gravi, il-Qorti ser tgħaddi issa biex tikkonsidra d-difiża sollevata mill-imputat għall-fatti kif riżultanti mill-atti proċesswali.

L-imputat jikkontendi li fil-każ in eżami u skond dak li rriżulta mill-provi miġbura fil-kors ta' dawn il-proċeduri, ir-reat ta' offiża ta' natura gravi fuq Saviour Mifsud mhux imputabbli ai termini ta' l-Artikoli 223 u 224 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu hu aġixxa b'difiża leġittima kontra l-aggressjoni da parte ta' ħuh, jew alternattivament huwa reat skużabbli ai termini ta' l-Artikoli 230 u 231 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li ġie pprovokat minn ħuh.

**Id-difiża legittima**: L-Artikolu 223 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *ma hemmx reat meta l-omiċidju u jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor*[23]. L-Artikolu 224 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħti elenku ta' dawk is-sitwazzjonijiet li jidħlu taħt dawk il-każijiet attwali tad-difiża leġittima.

Il-prinċipju tad-difiża leġittima ġie trattat fid-dettal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tony Curmi et**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Ġunju 2017, fejn ingħad illi: *kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressività ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega Antolisei "occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale." Fil-Manuale di Diritto Penale Generale pg 261, insibu li "pericolo attuale e' il pericolo presente." ... Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioè it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu*

[23] Sottolinear tal-Qorti.

*jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza. Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu: "the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time." Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioè imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; … id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn … għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioè l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Attard**, **Appell Nru. 77/2023** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Mejju 2023, dik il-Qorti osservat ulterjorment illi *fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 t' Awwissu, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro ġie ritenut illi: "Mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" neċessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-liġi titkellem ċar dwar il-bżonn attwali ta' difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli." Għalhekk id-difiża trid tkun saret sabiex jiġu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lill-imputat, jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, gisem u/jew partijiet tal-ġisem tal-imputat jew ta' ħaddieħor. L-imputat irid jipprova li dak li għamel għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jiġi evitat b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel, għax dan jista' jagħti lok biss għall-provokazzjoni u mhux difiża leġittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioè li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test soġġettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw li mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew xi jmissu għamel l-imputat, qabel ma ħa l-azzjoni in difiża bl-użu tal-forza.*

Fil-każ in eżami l-Qorti ma tqisx li l-iskriminanti tal-leġittima difeża ssib applikazzjoni. Il-biża' li kellu l-imputat, jekk verament kellu biża', ma kinitx waħda attwali għaliex huwa evidentement kellu f'moħħu sitwazzjonijiet anteċedenti li già kellu ma' Saviour Mifsud. Lanqas ma hija tal-fehma li l-biża', jekk verament kien hemm biża', kienet assoluta u cioè li l-aggressjoni ma setgħetx tiġi evitata b'xi mod ieħor. Jiġi osservat għalkemm Saviour Mifsud qabad lill-imputat mill-flokk u żamm f'qabda b'saħħitha, il-ġrieħi li sofra l-imputat kienu ta' nautra ħafifa. Jiġi osservat ukoll li fil-kċina dak il-ħin kien hemm missierhom u ommhom, b'missierhom jipprova jidħol bejniethom. Fil-fehma tal-Qorti ma kienx hemm sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida jew minaċċja inġusta, gravi jew inevitabbli, iżda kienet sitwazzjoni li setgħet tiġi evitat b'mod ieħor.

Għaldaqstant id-difiża ta' l-imputat tal-leġittima difeża qed tiġi riġettata.

Jifdal issa li tiġi trattata d-difiża tar-reat skużabbli minħabba provokazzjoni.

**Reat skużabbli:** Mill-atti proċesswali rriżulta li l-imputat ta daqqa ta' sikkina lil Salvu Mifsud għaliex fil-kors ta' l-argument bejniethom, liema argument beda meta flixkun ta' l-ilma niżel b'tisbita fuq il-medja fejn kien qed jiekol l-imputat u hu u Salvu Mifsud bdew

jindirizzaw lil xulxin bil-herra, Salvu Mifsud qabad lill-imputat f'qabda b'saħħita biex iżommu fil-post. Fil-kors ta' din il-kolluttazzjoni l-imputat sofra ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Maria Micallef.

Fil-fehma tal-Qorti, il-provvedimenti tal-Liġi li għandhom jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-fattispecie tal-każ in eżami huma dawk fl-Artikolu 230(b) u (ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *l-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli - (b) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(ċ); (ċ) jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna.*

L-Artikolu 227(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-iskużanti tapplika meta r-reat, omiċidju għall-fini ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, *jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha; sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt….*

Fil-kuntest tad-difiża sollevata mill-imputat jeħtieġ jiġi kkunsidrat ukoll dak provdut fl-Artikolu 235 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia *ma jiswewx lill-ħati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt li ta' l-azzjoni li tagħha jinġiebu bħala skuża.*

Kif osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Luke Farrugia**, deċiża fit-3 ta' Ġunju 2021: *huwa paċifiku li, diversament mil-leġittima difiża, il-benefiċċju ta' dan l-attenwanti jingħata biss meta il-provokazzjoni ossia l-att provokatorju ikun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement iġib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt. Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun suffiċjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tiegħu. Il-kriterju għalhekk huwa wieħed oġġettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju. F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deċiża fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela, ġie deċiż:- "Meta tiġi biex titqies l-iskuża tal-provokazzjoni għandha titħares ir-regola miġjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża. Però dejjem irid ikun hemm provokazzjoni inġusta … il-ġurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma' l-attenwanti ġenerali tal-provokazzjoni igħid hekk: "la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Perciò l-attenuante dovrà ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalità esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397)." Illi għalhekk, jirriżulta li hemm żewġ elementi li jsawru dan l-iskużanti u cioè fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun waħda inġusta u trid tkun oġġettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret fil-waqt tal-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża.*

Mill-provi prodotti fil-każ in eżami ma hemmx dubju f'moħħ il-Qorti li l-aġir kollu ta' Saviour Mifsud kien provokatorju fil-konfront ta' l-imputat. Entrambe l-aħwa għandhom bejniethom storja ta' skontri u tgħajjir, storja li ilha sejra għal iktar minn sena u storja li tat lok għal diversi rapporti mal-Pulizija ta' wieħed fil-konfront ta' l-ieħor u anke fl-istituzzjoni ta' proċeduri kriminali. Saviour Mifsud u l-imputat ma kienux *on speaking terms* u allura l-Qorti assolutament ma tistax tifhem kif u għalfejn Saviour Mifsud baqa' jinnaviga bil-flixkun ta' l-ilma fil-kċina meta dan seta' liberament ħadu u telaq il-barra bih fil-biħta fejn kien qed jiekol.

Il-Qorti għandha dubji kbar kemm effettivament il-flixkun żelaq minn idejn Saviour Mifsud u hija iktar propensa temmen li huwa sabbat il-flixkun apposta quddiem l-imputat proprio biex jġiegħel lill-imputat jagħmel forma ta' reazzjoni. *Dato ma non concesso* li l-flixkun verament żelaq minn idejn Saviour Mifsud, huwa seta' faċilment skuża ruħu u mhux jkellem lill-imputat bil-herra u per di più jħebb għalih. Dan kollu fil-fehma tal-Qorti huwa aġir provokatorju ai termini tal-Liġi, li wassal lill-imputat biex jaġixxi kif aġixxa.

Apparte minn hekk, dejjem mill-provi prodotti, ma hemmx dubju li meta Salvu Mifsud qabad lil ħuh f'qabda f'saħħitha u fil-kors tal-kolluttazzjoni, huwa kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-imputat. Għaldaqstant, inholqot sitwazzjoni fejn l-aġir ta' l-imputat ġie ipprovokat ukoll minn delitt fil-konfront tal-persuna tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, il-Qorti ser tilqa' l-linja difensjonali ta' l-imputat ossia li r-reat ta' offiża ta' natura gravi fuq ħuh huwa skużabbli ai termini tal-Liġi minħabba provokazzjoni da parte ta' l-istess Saviour Mifsud.

Mill-atti proċesswali u mir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri jirriżulta li il-ġrieħi sofferti minn Saviour Mifsud kienu ta' natura gravi. Huwa fir-rigward ikkonkluda li *perforazzjoni tal-kavita toraċika bi strument li jaqta' u bil-ponta hija leżjoni ta' natura gravi; Illi ċ-ċikkatriċi deskritta fuq l-aspett dorsali tal-pala ta' l-id ix-xellugija kienet riżultat t' inċiżjoni magħmula minn strument li jaqta' u din tibqa bħala marka permanenti fuq il-pala ta' l-id ix-xellugija iżda mhux daqshekk konspikwa from within talking distance.* A bażi ta' dawn il-konklużjonijiet il-Qorti tqis il-feriti kawżati lil Saviour Mifsud huma ta' natura gravi ai temrini ta' l-Artikolu 216(1)(b)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ in eżami però għandhu japplika wkoll dak provdut fl-Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu riżulta li l-feriti in kwistjoni seħħew bi strument li jaqta' u bil-pont. L-imsemmi Artikolu 217 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *l-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa' għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ: Iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi l-piena minima tkun priġunerija għal erba' snin u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma japplikawx.*

Siccome l-imputat ikkawża feriti lil ħuh, japplika wkoll dak dispost fl-Artikolu 222(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioè *l-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża issir - (a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna ta' l-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fil-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fi xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h).*

Peress illi f'dan il-każ, il-Qorti qed tilqa' d-difiża ta' l-imputat tar-reat skużabbli minħabba provokazzjoni, jiġi osservat li għandu in oltre japplika dak provdut fl-Artikolu 232(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia, *fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 230(b) u (ċ), l-akkużat meta jinsab ħati, jeħel - (a) jekk l-offiża tkun gravi, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn żewġ terzi tal-piena stabbilita għad-delitt mingħajr skuża.*

L-imputat qed jiġi mixli wkoll talli ħebb sabiex jinġurja jew jagħmel ħsara lil ħu Saviour Mifsud jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li din it-tieni imputazzjoni hija kjarament alternattiva għall-ewwel imputazzjoni u għaldaqstant, ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih l-imputat qed jiġi mixli bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li dana l-inċident kien wieħed li seta' jiġi evitat li kieku entrambe l-partijiet, ossia Saviour Mifsud *in primis* iżda anke l-imputat, aġixxew bil-buonsens. Għalhekk tqis li piena karċerarja effettiva ma hijiex idoneja għal dan il-każ.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 214, 215, 216(1)(b)(ċ), 217, 222(1)(a), 227(ċ), 230(b)(ċ) u 232(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema reat madanakollu huwa skużabbli ai termini ta' l-Artikoli 227(ċ) u 230(b)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba provokazzjoni, u tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija, iżda peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-provokazzjoni da parte ta' Saviour Mifsud, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Saviour Mifsud qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' mitt Euro (€100) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €327.90 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[24].

Il-Qorti in fine tastjeni milli tipprovdi ai termini ta' l-Artikoli 15A u 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma tressqu l-ebda provi in bażi għal liema tista' tasal għal xi forma ta' kumpens li jista' qual' volta jkun dovut għall-feriti kaġunati lil Saviour Mifsud.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[24] Fol. 92 tal-proċess.